2 ta' Frar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Anthony Zammit et.

**Inġurja bl-Istampa — Kwerela — Art. 385, 532 u 533 tal-Kodiċi Kriminali — Art. 34 tal-Kap. 117**

*Fi proċediment dwar inġurja bl-istampa teħtieġ il-kwerela tal-parti leża; imma tibqa' dejjem applikabbli d-dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali fis-sens illi jekk f'każ normalment persegwibbli b'istanza privata l-offiż ma jistitwix proċeduri u ma jirrinunzjax espressament għall-azzjoni kriminali fi żmien erbgħa tijiem mill-ġurnata tal-kommissjoni tar-reat, allura tista' tipproċedi l-Pulizija "ex officio".*

*Is-sempliċi fatt li l-persuna offiża, wara li tkun qrat l-artikolu nkriminat, tattira fi żmien dawk l-erbgħa tijiem, l-attenzjoni tal-Attorney General jew tal-Kummissarju tal-Pulizija biex jaraw l-artikolu u jaraw x'passi jieħdu, ma jammontax għal kwerela tal-parti leża; u kwindi mhix attendibbli l-eċċezzjoni tal-kwerelat fis-sens li b'dan il-fatt il-Pulizija kienet ġiet prevenuta u għalhekk ma setgħetx tipproċedi hija "ex officio".*

*Għalkemm huwa veru illi l-kwerela, bħad-denunzja, tista' ssir tant bil-miktub kemm bil-fomm, eppure f'dan l-aħħar każ hemm bżonn, ħlief f'każijiet urġenti, li tiġi, dak il-ħin stess li ssir, imniżżla bil-miktub u firmata (meta l-kwerelant jaf jikteb) mill-kwerelant.*

Il-Qorti; — Rat is-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 1956, li fiha hemm anki s-solitu riepilogu proċesswali;

Trattat ulterjorment l-appell;

Ikkunsidrat;

L-uniku gravam devolut għall-konjizzjoni ta' din il-Qorti hu dak li l-kawża ma setgħetx issir mill-Pulizija "ex officio", kif fil-fatt saret, u dan għaliex kienet saret l-istanza privata;

Skond l-art. 34 Kap. 117, kif emendat bl-Ordinanza XIV tal-1947, fi proċedura simili teħtieġ il-kwerela tal-parti leża. B'dan kollu tibqa' dejjem applikabbli d-dispożizzjoni tal-art. 385 Kap. 12, fis-sens li jekk, f'każ normalment persegwibbli b'istanza privata, l-offiż ma jkunx istitwixxa proċeduri, u ma jkunx irrinunzja espressament għall-azzjoni fi żmien erba' tijiem mill-ġurnata tal-kommissjoni tar-reat, allura tista' tipproċedi l-Pulizija "ex officio". Issa, f'dan il-każ id-Difiża ssostni li l-Onorevoli Perit Mintoff kien għamel kwerela fi żmien erba' tijiem, u għalhekk il-Pulizija kienet ġiet prevenuta, u ma setgħetx tipproċedi "ex officio";

L-Onorevoli Mintoff xehed li hija prattika tiegħu solita li jara jekk fil-gazzetti jkunx hemm xi ħaġa li tista' titfa ombra ħażina fuq l-amministrazzjoni. Fil-kors ta' din il-prattika tiegħu, hu qara anki l-artikolu nkriminat, u attira l-attenzjoni għalieħ jew tal-Attorney General jew tal-Kummissarju. Kompla jgħid li, għalkemm dan l-artikolu kien jirrigwarda lilu, però l-istess kien jagħmel kieku kien jirrigwarda lil ħadd ieħor. Hu qal lill-Attorney General jew lill-Kummissarju biex jaraw l-artikolu u jaraw x'passi jieħdu. Iżjed ma għamel xejn;

Id-Difiża talbet li ġġib xhieda biex jiġi preċiżat dak li xehed l-Onorevoli Mintoff quddiem il-Qorti tal-Ewwel Istanza. L-istess Difiża għamlet riferenza għall-verbal fol. 19, li f'parti minnu hemm spjegata l-eċċezzjoni odjerna tad-Difiża u hemm riferenza għax-xhieda tax-xhud fuq imsemmi;

Din it-talba tad-Difiża ma hijiex ġustifikata; għaliex ma hemm ebda diskrepanza bejn dak li hemm f'dan il-verbal u dak li f'din l-istanza xehed l-Onorevoli Mintoff. Dwar il-ġurnata li hu kkomunika mal-Attorney General jew il-

Pulizija, hu fatt li, meta xehed quddiem il-Qorti t'Isfel, il-fatt kien aktar viċin, u hu kapibbli għalhekk li x-xhud seta jiftakar aħjar jekk kienux għaddew jew le l-erba' tijiem mill-publikazzjoni tal-artikolu. Il-Qorti sejra tassumi li dik il-kommunikazzjoni saret qabel ma kienu għaddew l-erba' tijiem, u għalhekk mhix meħtieġa l-prova mitluba mid-Difiża, apparti konsiderazzjonijiet oħra;

Ikkunsidrat;

It-tieni eċċezzjoni tal-Prosekuzzjoni, verbalizzata fol. 45, ma hix rilevanti; għaliex, għalkemm fl-art. 385 Kap. 12 tissemma l-istituzzjoni ta' proċeduri, hu ċar li l-kwerela hi l-att li hu meħtieġ, fil-każijiet kongruwi, biex jimprimi moviment lil dawk il-proċeduri; u minbarra hekk, il-pont involut f'dan l-appell jibqa' dejjem dak jekk l-għemil tax-xhud fuq imsemmi, li kien il-parti leża, kienx jammonta jew le għal kwerela;

Din il-Qorti hi ta' fehma li ma jammontax għal kwerela; għal dawn ir-raġunijiet:—

1. Hu ċar li l-aġir tal-Onorevoli Mintoff kien ħaġa ta' rutina, kompjut fil-kwalità tiegħu ta' Prim Ministru u ta' Ministru tal-Pulizija. Dak l-aġir, kunsidrat, kif għandu jkun, fuq l-isfond taċ-ċirkustanzi, hu għal kollox differenti mill-każ ta' min, bla ma jkun hemm dawk iċ-ċirkustanzi speċjali, jitlob lill-Pulizija li jittieħdu passi;

2. Għalkemm hu veru li l-kwerela, bħad-denunzja, tista' ssir jew bil-miktub jew bil-fomm, eppure, f'dan il-każ tal-aħħar hemm bżonn, ħlief f'każijiet ta' urġenza, li tiġi, dak il-ħin stess li ssir, imniżżla bil-miktub u ffirmata (meta jkun jaf jikteb) mill-kwerelant (art. 532-533 Kap. 12). Dan ma kienx każ urġenti, u ntant ma jirriżulta li sar xejn fis-sens li l-kommunikazzjoni tax-xhud mal-Attorney General jew il-Kummissarju tal-Pulizija ġiet reġistrata bil-miktub jew iffirmata minnu (ara anki sentenza ta' din il-Qorti, al-

lura presjeduta mill-Imhallef Dr. Giuseppe Cremona, fil-kawża "La Polizia vs. Giuseppe Lia, P.A.A.", deċiża fit-8 ta' Novembru 1919, Vol. XXIV-IV-932);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-eċċezzjoni tad-Difiża, u konsegwentement tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.